MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 90/2004

**James Azzopardi**

**vs**

**Kunsill Lokali Gharb
Direttur Progetti u Zvilupp, Ministeru Ghal Ghawdex**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghidu intom konvenuti jew min minkom ghaliex ma ghandkomx tigu kkundannati thallsu l-ammont ta’ tmien mitt u erbgha u sittin Lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (LM864.86) lill-esponenti ghal danni sofferti minnu per konsegwenza ghall-incident stradali illi gara fl-20 ta’ Mejju 2004 fi Triq l-Gharb, Gharb, Ghawdex, meta gradilja li suppost kienet intiza sabiex tghatti culvert tal-ilma li jaqsam it-triq inqalghet improvvisament minn postha waqt

illi l-attur kien qieghed isuq minn fuqha, dahlet fil-qiegh tal-vettura Ford Escort numru ta' registrazzjoni DJC 024 waqt illi huwa kien ghaddej fit-triq u per konsegwenza huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u sofra danni ingenti fl-istess vettura.

Illi ghal din il-hsara tahtu inton konvenuti jew min minnkom illi ghandkom l-obbligu illi taraw illi t-triq tkun fi stat ta' manutenzjoni tajba u li ma jkunx hemm perikolu fit-triq.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta f'Lulju 2004, l-interessi fuq l-ammont, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Ra r-risposta' tal-konvenut Kunsill Lokali Gharb:

"l. Illi l-Kunsill Lokali Gharb m'ghandux ir-responsabbilita' ta' xogholijiet li jsiru jew li taghhom issir il-manutenzjoni f'toroq centrali u arterjali, liema responsabbilita' hija tal-Gvern Centrali;

2. Illi l-grada li allegatament kienet il-kawza tal-incident ma saritx mill-Kunsill Lokali Gharb izda mill-Gvern Centrali;

3. Illi fi kwalunkwe' kaz u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-Kunsill Lokali mhuwiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Ra r-risposta tal-konvenut Direttur Progetti u Zvilupp, Ministeru Ghal Ghawdex"

"Illi hu ma jahti xejn ghall-incident, u fil-fatt kienet issir manutenzjoni regolari lill-dawn il-gradi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ikkontribwixxa ghall-incident, peress illi huwa tilef il-kontroll tal-vettura mhux ghax inqalghet il-gradilja, izda

ghaliex kien ghaddej b'velocita' eccessiva, u ghalhekk il-hsarat fil-vettura tieghu telghu daqshekk."

Sema l-provi;

Ikkunsidra:

Mhux ikkontestat li Triq l-Gharb imsemmija hija triq arterjali, u li allura taqa' taht ir-responsabilita' tad-Direttur Progetti u Zvilupp, u mhux taht dik tal-Kunsill Lokali tal-Gharb; u li b'danakollu l-culvert sar mill-Kunsill filwaqt li l-gradilji saru mid-Direttur Progetti u Zvilupp, li sussegwentement ghamlilhom ukoll il-manutenzjoni in segwitu tal-ilmenti mqajjma mill-utenti tat-triq. Minn imkien ma jirrizulta li l-gandott ma sarx skond is-sengha u l-arti jew li b'xi mod ta lok ghas-sinistru.

Minn imkien ma jirrizulta mill-provi li l-attur kien qieghed isuq bi speed eccessiv u wisq inqas li kien tali speed eccessiv li ta lok ghal kollox jew in parti ghall-incident.

Jirrizulta mill-provi li l-kagun tal-hsara mgarrba mill-vettura tal-attur kien it-twahhil hazin – mhux skond ma jitolbu s-sengha u l-arti - tal-gradilji li jghattu l-water culverts fi Triq l-Gharb, Gharb, billi dawn kienu mwahhlin hazin tant li kien hemm diversi lmenti qabel sehh l-incident mertu ta' din il-kawza. In segwitu tal-ilmenti saru xi riparazzjonijiet izda xorta wahda baqghu difettuzi. Wara l-incident mertu ta' din il-kawza, il-gradilji gew rimpjazzati b'ohrajn godda. Ghalhekk ghal dan l-incident jahti d-Direttur Progetti u Zvilupp. Kif inghad b'awtorita' mill-Qorti tal-Appell f'sentenza ta' kawza simili hafna ghall-istanti[1] – fejn sehh incident kawza ta' nuqqas ta' gradilja fuq culvert:

Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi affidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja

[1] Hugh P Zammit noe vs Direttur tat-Toroq et – Qorti tal-Appell – Onor P Sciberras 23.01.2004

dettata mir-regola fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili. Regola din ta’ korrettezza, bon sens u ta’ zvolgiment ghaqli f’kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn ezekuzzjoni ta’ xoghlijiet, manutenzjoni ta’ opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta’ dak sancit fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili.

*Fl-ambitu ta’ din it-tematika l-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni* (***Nru 9092, 5 ta’ Lulju 2001***) *kellha dan xi tghid:- “Nell’esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opere pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di comune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del ‘neminem laedere’ in ossequio alla quale essa e` tenuta a far si che l’‘opus publicum’ (in particolare una strada aperta al pubblico transito) non integri per l’utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosiddetto insidia o trabocchetto*).”

Il-quantum tad-danni gie sodisfacentement ippruvat.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici in kwantu diretta kontra l-Kunsill Lokali tal-Gharb, jichad l-eccezzjoni tad-Direttur Progetti u Zvilupp fis-sens li l-incident kien b’xi mod attribwibbli lis-sewqan tal-attur, jilqa’t-talba tal-attur billi jiddikjara lill-konvenut Direttur Progetti u Zvilupp unikament responsabbli ghall-akkadut u konsegwentement jikkundannah sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ LM864.86c,  bl-imghax legali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta’ Lulju 2004 a kariku tal-istess konvenut Direttur Progetti u Zvilupp, hlief ghall-ispejjez konnessi mal-konvenut Kunsill Lokali Gharb li ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------